

Domanda preliminari

Distinzjoni fir-rata ta' taxxa għall-ikel tal-għaġina u għall-kejkijiet, skont l-Artikolu 41(2) flimkien mal-intestatura 32 tal-Anness 3 tal-Liġi tal-11 ta' Marzu 2004 dwar it-taxxa fuq il-beni u s-servizzi (Ustawa o podatku od towarów i usług, Dz. U. 2011, Nr. 177, intestatura 1054, kif emendata), esklużivament fuq il-bażi tal-kriterju tad-“data minima li jinżamm il-prodott” jew tad-“data ta' skadenza”, tikser il-prinċipju ta' newtralità tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-projbizzjoni ta' trattament differenti ta' prodotti fis-sens tal-Artikolu 98(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fis-16 ta' Settembru 2016 – Caterpillar Financial Services sp. z o.o. vs Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie

(Kawża C-500/16)

(2017/C 022/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Caterpillar Financial Services sp. z o.o.

Konvenut: Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie

Domanda preliminari

Il-prinċipji ta' effettività, ta' kooperazzjoni leali u ta' ekwivalenza stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew kwalunkwe prinċipju ieħor applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu, fil-qasam tal-VAT, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, BGŻ Leasing, C-224/11, EU:C:2013:15, dispożizzjonijiet nazzjonali jew prassi nazzjonali li jipprekludu r-rimbors ta' eċċess ta' VAT miġbur bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, meta, minħabba l-aġir tal-awtoritajiet nazzjonali, il-persuna taxxabbi setgħet teżerċita d-drittijiet tagħha biss wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni tal-obbligu fiskali?

Appell ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2016 minn Francisco Javier Rosa Rodriguez mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-20 ta' Lulju 2016 fil-Kawża T-358/16, Rosa Rodriguez vs Consejería de Educación de la Junta de Andalucía

(Kawża C-509/16 P)

(2017/C 022/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Francisco Javier Rosa Rodriguez (rappreżentant: J. Velasco Velasco, avukat)